Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

It- Tnejn, 15 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-10.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.10pm

**57.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

57.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

57.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Ħamsa u Ħamsin u Sitta u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

57.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**57.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

57.3.1 Is- Sindku rrefera għal attivita' li ser tittella' nhar l- 4 ta' Lulju 2023 mill-Korp tal- Pulizija fi Pjazza San Pawl. Huwa wera d-dispjaċir tiegħu li kull darba li jkun hemm xi visita minn xi dignitarji jew uffiċċjali għolja minn barra ġewwa l-Mdina, l- Kunsill kif kien isir prassi qabel ma jiġix infurmat minn qabel biex ikun jista' javza lir-residenti b'dan għaliex kull darba, il-karozzi mill-pjazza iridu jitneħħew. Sa ċetu punt jekk ikun hemm issue ta' sigurta' jifhima imma issa li anke fuq attivitajiet ma niġux anke infurmati, mhux etikett. Għaldaqstant huwa talab biex niktbu lill- Kumissarju tal- Pulizija biex issir laqgħa miegħu apposta fuq dan is-suġġett.

57.3.2 Is- Sindku fakkar lill-Kunsill li għada ser ikollu laqgħa ma Infrastructure Malta fejn fiha ser jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma għal-tlett snin f' dak li jirrigwarda toroq u bankini.

57.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li l-kaz li kien għaddej il-Qorti minn naħa ta' AKL mal-kuntratturi li jinstallaw il-*Bus Shelters* ingħalaq u fix-xhur li ġejjin nisperaw li dawn il-bus shelters fosthom ta' ħdejn ir-Roma Villa u fejn il-pompa tal-petrol isiru.

57.3.4 Is- Sindku ta' rendikont lill-Kunsill tal-laqgħa li kellu mas- Sindku ta' Siena fir-rigward ta' possibilita' ta' Town Twinning.

57.3.5 Is- Sindku talab biex l-ħarġa li jmiss ta' l-anzjani ssir nhar il- Ġimgħa 16 ta' Ġunju 2023. Il-Kunsill approva.

57.3.6 Is- Sindku talab li tinħareġ kwotazzjoni biex isir it-tikħil u tibjid fl-entratura li tagħti għal uffiċċju tal- Kunsill. Il- Kunsill approva.

57.4 **Aġġustamenti mill-Awdituri tal-Gvern Lokali- Rapport Finanzjarju 2022**

57.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2022 kif emendat wara li sar l-audit. Ngħatat spjegazzjoni fuq dawn l-aġġustamenti kif proponuti mill-Awdituri.

57.4.2 Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2022 kien propost għall- approvazzjoni mill-Kunsilliera M.A Sultana u ssekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien' kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett

57.5 **Rapport Finanzjarju Tlett Xhur- Jannar sa Marzu 2023**

57.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Jannar sa Marzu. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

57.5.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Camille Scerri li kienet ssekondata mill- Viċi Sindku Joseph Debono, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**57.6 Business Plan 2023-2027- Approvazzjoni**

57.6.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2023-2027 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

57.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Joseph Debono li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbao Sant, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**57.7 Konġestjoni ta' Trasport tat- Turisti u Taxis quddiem d-daħla ta' l-Mdina**

57.7.1 Il- Kunsill nnota li frott iz-zieda ta' turisti li ta' kuljum qed izuru l-Mdina ġara li matul il-ġurnata qed ikollna ammont sostanzjali ta' taxis li jew qed jispiċċaw jistennew quddiem ix-xelter tal-karozzini jew jieqfu ezatt quddiem id-daħla ta' l-Mdina jnizzlu l-klijenti bil-konsegwenza li qed jinħoloq konġestjoni anke għar-residenti li jkun iridu jidħlu jew joħorġu mill-Mdina. Fl-opinjoni tiegħu l-uniku mezz biex tinforza huwa permezz ta' l-uzu ta' CCTV cameras mħarsa mill- LESA għaliex il-pulizija u community police ma jistax ikunu 'l ħin kollu jgħassu din l-area.

57.7.2 Il-Kunsill qabel ma dan u għaldaqstant ser nistennew lir- Regjun Punent li tingħalaq t-tender li ħarġet għal installazzjoni ta' dawn ic- CCTV cameras biex forsi jkollna fl-aħħar, mezz ta' kontroll fuq din il-problema.

**57.8 Xogħol urġenti ta' manutenzjoni- Direct Order**

57.8.1 Is- Sindku ressaq talba urġenti għal xogħolijiet fuq ħajt tas-sejjieħ li ġġarraf fi Triq L-Għarreqin minħabba l-maltemp li kien ġara l-ġimgħa l-oħra u li huwa ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm. Is- Sindku kompla qal li kif jaf kulħadd, bħalissa hemm sejħa għal offerti ta' *handyman* mal-Kunsill imma minnħabba din l-urġenza ta' periklu ma setax jistenna li jiġi aġġudikat dan it-tender biex isiru x-xogħolijiet.

57.8.2 Apparti dan hemm xi xogħolijiet oħra fosthom pavimentar ġewwa l- Mdina li huwa ta' periklu għal kull min jidħol l-Mdina kif ukoll ammont sostanzjali ta' lampi tad-dawl ivvandalizzati fi Howard Gardens. Għaldaqstant huwa kkuntattja lil F&M li setgħu jagħmlu dan ix-xogħol minnufih fejn talabhom kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' € 3161.22 u li qed ipoġġi għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

57.8.3 Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet li jsiru minnufih minħabba l-urgenza straordinarja skond iċ-cirkolari maħruġa mid- Dipartiment tal-Kuntratti 03/2013.

**57.9 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

57.9.1 ANSEK- Stedina għal konferenza annwali tal- ANSEK nhar is- 17 ta' Mejju 2023

57.9.2 COMTES- Talba biex ssir attivita' muzikali għal pubbliku bl-isem Music at Sunset fi Pjazza tas- Sur. Il-Kunsill approva.

57.9.3 Malta Classic- Talba mill-kumitat organizzattiv tal- Grand Prix Mdina biex jiltaqa' mal-Kunsill rigward l-attivita li ser ssir f' Ottubru.

57.9.4 Segretarjat Parlamentari Gvern Lokali- Programm ta' Attivitajiet b'rabta mat- 30 sena anniversarju mit-twaqqif tal- Kunsilli Lokali.

57.9.5 Regjun Punent- Talba biex il-Kunsill japprova l- Workplan għas-servizz tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsill approva.

57.9.6 AKL 2023/31- Tnedija tad- dokument " Parking Management" Sustainable Mobility.

57.9.7 AKL 2023/030- Binjiet mixgħula bl-aħmar fil- Jum Dinji tad- Donaturi tad- Demm.

**57.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

57.10.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 15 ta' Mejju 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 21,995.57

57.10.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**57.11 Tmiem tal- Laqgħa**

57.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 17.47pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___12 ta'Ġunju 2023__